**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 49**

It-Tnejn, 14 ta' Novembru 2022

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fid-9.03 a.m.

Id-Deputy Speaker l-Onor. David Agius, ippreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Byron Camilleri u s-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Rebecca Buttigieg kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Glenn Bedingfield u l-Onor. Beppe Fenech Adami kienu msiefra fuq xogħol parlamentari.

L-Onor. Graham Bencini kien imsiefer fuq xogħol uffiċjali tal-partit.

Il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Bernard Grech, l-Onor. Abigail Camilleri, l-Onor. Amanda Spiteri Grech u l-Onor. Julie Zahra kienu skużati.

Il-Prim Ministru l-Onor. Robert Abela, id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor. Chris Fearne, il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet l-Onor. Silvio Schembri, il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri, il-Ministru għat-Turiżmu l-Onor. Clayton Bartolo, il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża l-Onor. Miriam Dalli, il-Ministru għall-Ġustizzja l-Onor. Jonathan Attard, il-Ministru għall-Anzjanità Attiva l-Onor. Jo Etienne Abela, is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali l-Onor. Andy Ellul, is-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Alicia Bugeja Said, l-Onor. Ray Abela, l-Onor. Malcolm Paul Agius Galea, l-Onor. Romilda Baldacchino Zarb, l-Onor. Alex Borg, l-Onor. Janice Chetcuti, l-Onor. Randolph De Battista, l-Onor. Cressida Galea, l-Onor. Alex Muscat, l-Onor. Mark Anthony Sammut, l-Onor. Davina Sammut Hili, l-Onor. Stephen Spiteri u l-Onor. Stanley Zammit kienu assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 48 li saret fl-10 ta' Novembru 2022 kienu konfermati.

**MISTOQSIJIET**

Id-Deputy Speaker informa lill-Kamra illi skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 84 tal-25 ta' Ottubru 2022, din is-seduta kienet mingħajr mistoqsijiet.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, f'isem il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 817 Avviż Legali Nru 273 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Istandards ta' Proċedura għall-Għoti u l-Irtirar tal-Protezzjoni Internazzjonali;

P.L. 818 Avviż Legali Nru 274 tal-2022 – Avviż ta' Bidu fis-Seħħ li stabbilixxa l-11 ta' Novembru 2022 bħala d-data meta d-dispożizzjonijiet kollha tal-Att tal-2022 li jemenda l-Ordinanza Dwar l-Esplożivi u l-Liġijiet Varji dwar il-Protezzjoni Ċivili (Att Nru XVI tal-2022) għandhom jidħlu fis-seħħ; u

f'isem il-Ministru għall-Ġustizzja, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 819 Avviż Legali Nru 272 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 li jemendaw l-Iskeda li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Proċedura Ċivili (Regolament tar-Reġistri, l-Arkivji u l-Funzjonijiet tad-Direttur tal-Qrati (Għawdex) u Uffiċjali Eżekuttivi oħra tal-Qorti).

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ESTIMI ĠENERALI 2023 – KUMITAT TA' PROVVISTA – IT-TMIEN SEDUTA STABBILITA**

Il-Kamra marret f'Kumitat.

**FIL-KUMITAT**

L-Onor. David Agius, President tal-Kumitat, ippreseda.

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI**

Il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, l-Onor. Aaron Farrugia, ressaq dawn ir-Riżoluzzjonijiet:

**VOT 25 - MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €107,411,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 25 - Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2023.

**VOT XII - MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - KAPITAL**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €176,619,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot XII - Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali - Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2023.

Id-Deputy Speaker informa lill-Kumitat li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 84 tal-25 ta' Ottubru 2022, il-ħin tad-diskussjoni kellu jkun ta' tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Fid-9.09 a.m. beda l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u l-Onor. Adrian Delia ressaq din l-Emenda:

**VOT 25 - MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI**

***Personal Emoluments***
***Item 11 - Holders of Political Office***

Ħassar iċ-ċifra "€53,364" u ssostitwixxi minflok iċ-ċifra "€53,361".

*Delete the figure "€53,364" and substitute therefor the figure "€53,361".*

Fl-10.37 a.m. skada l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u beda l-ħin disponibbli għall-Gvern.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Adrian Delia, l-Onor. Ivan Castillo, l-Onor. Ryan Callus u l-Onor. Toni Bezzina għan-naħa tal-Oppożizzjoni u l-Onor. Edward Zammit Lewis, l-Onor. Rosianne Cutajar, l-Onor. Omar Farrugia u l-Onor. Aaron Farrugia għan-naħa tal-Gvern.

Bil-permess tal-Kumitat, l-Onor. Adrian Delia qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 820 Artiklu li deher fuq il-ġurnal *KullĦadd* tat-30 ta' Ottubru 2022 bl-isem 'Rekord Kapitali';

P.L. 821 Artiklu li deher fuq il-ġurnal *The Times of Malta* tal-11 ta' Novembru 2022 bl-isem 'Bus firm cancels UK drivers deal';

P.L. 822 Artiklu li deher fuq il-ġurnal *it-Torċa* tat-13 ta' Novembru 2022, bl-isem 'Kull mewt fit-toroq Maltin tħalli warajha familja b'dieqa ... se nieħdu azzjoni biex nindirizzaw dawn il-fatalitajiet'; u

P.L. 823 Artiklu li deher fuq il-ġurnal *The Sunday Times of Malta* tat-13 ta' Novembru 2022, bl-isem 'President calls for 'urgent' action to tackle road deaths'.

Bil-permess tal-Kumitat, l-Onor. Ryan Callus, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 824 Ritratt li juri parti minn Triq l-Imdina f'Ħal Qormi li ngħattat il-konkos;

P.L. 825 Ritratt li juri l-konkos mogħti fit-Triq Manoel Dimech, Ħal Qormi; u

P.L. 826 Ritratt li juri l-konkos mogħti fi Triq Ħal Qormi, Ħal Qormi.

Bil-permess tal-Kumitat, l-Onor. Omar Farrugia, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

| | |
|---|---|
| P.L. 827 | News Release 075/2013 bl-isem *Motor Vehicles: Q1/2013* maħruġa mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika datata 18 ta' April 2013; |
| P.L. 828 | News Release 015/2020 bl-isem *Motor Vehicles: Q4/2019* maħruġa mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika datata 31 ta' Jannar 2020; u |
| P.L. 829 | News Release 190/2022 bl-isem *Motor Vehicles: Q3/2022* maħruġa mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika datata 24 ta' Ottubru 2022. |

F'12.04 p.m., id-diskussjoni kienet konkluża skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 84 tal-25 ta' Ottubru 2022.

Il-Kamra rriżumiet u l-Viċi President tal-Kumitat, l-Onor. Michael Farrugia, irrapporta li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 84 tal-25 ta' Ottubru 2022, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali kienet ġiet konkluża, u li l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa kienu posposti għal data li kellha tiġi komunikata aktar 'il quddiem mill-Gvern.

**AĠĠORNAMENT**

F'12.06 p.m., il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali ppropona l-aġġornament tal-Kamra għat-Tnejn, 14 ta' Novembru 2022 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

1. Estimi Ġenerali 2023 - Kumitat ta' Provvista

**<u>Id-Disa' Seduta Stabbilita - Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża</u>**

Vot 33 - Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża
Vot 34 - Ambjent Malta
Vot XVI - Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża– Kapital

*Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura 84 tal-25 ta' Ottubru 2022:*

2. Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri tar-Raba — Tielet Qari

3. Ministeru għas-Saħħa – Votazzjonijiet
4. Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali – Votazzjonijiet
5. Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli – Votazzjonijiet
6. Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal – Votazzjonijiet
7. Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali – Votazzjonijiet
8. Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ – Votazzjonijiet
9. Ministeru għall-Ġustizzja – Votazzjonijiet
10. Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali - Votazzjonijiet

Il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali informa lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 84 tat-12 ta' Ottubru 2022, id-diskussjoni fuq il-voti tal-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża kellha tieħu mhux aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Huwa informa wkoll lill-Kamra li f'din is-seduta, mistoqsijiet parlamentari setgħu jsiru bejn l-4.00 p.m. u l-4.30 p.m., u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

F'12.07 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 84 tal-25 ta' Ottubru 2022.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ANGLU FARRUGIA**
**SPEAKER**